**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**
**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 4 ta' Ġunju, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**-vs-**

**Mario Micallef, detentur tal-karta tal-identità numru 91390M**

*Każ nru.2728/2024*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Mario Micallef u ċioè talli:

> **B'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda, imsejjaħ reat kontinwat:**
>
> Fil-kwalità tiegħu ta' Direttur jew Segretarju jew rappreżentant legali jew *manager*, tal-kumpannija C 96530 - Xaru General Services Limited ta' 15, Garofano, Triq il-Ħawli, Ħad Dingli, u/jew bħala l-persuna li kont inkarigat mill-istess Kumpannija sabiex tħallas il-pagi skont il-liġi
>
> Naqas li jħallas lil impjegat Robert Sammut (0422188M):

1. Il-**paga** dovuta għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Settembru 2020 u t-30 t'Ottubru 2020, liema nuqqas jammonta għal €1,395.00;
2. Il-***weekly allowance*** pro-rata dovut għall-perjodu ta' is-16 ta' Settembru 2020 u t-30 t'Ottubru 2020, ammontanti għal €41.94;
3. Il-bonus statutorju pro-rata dovut għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Settembru 2020 u t-30 t'Ottubru 2020, ammontanti għal €45.14;

4. Għal *vacation leave* akkumulat u mhux utilizzat, ammontanti għal €207.15

**Globalment ammontanti għas-somma ta' elf, sitt mija u disa u tmenin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,689.23).**

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat; ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iħallas l-penali skont il-liġi ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), kif ukoll, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 u cioe illi naqas li jħallas pagi, għamel tnaqqis illegali, naqas li jħallas xi bonus, żamm xi rimunerazzjoni jew xi pagament li għandu jitħallas minflok in-notice, naqas li jagħti vaganzi bi ħlas, naqas li jagħmel xi pagament dovut lill-impjegat skont l-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jew skont xi ordni ta' standard nazzjonali, ordni biex jirregola settur jew xi ordni ieħor magħmul taħt il-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta; u ai termini tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007 u 259 tal-2012 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċentezmu (€465.87), tordna lill-imputat sabiex iħallas lil **Robert Sammut (0422188M)** is-somma ta' **elf, sitt mija u disa u tmenin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,689.23)** għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024</u>.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-3 ta' Ġunju, 2024.

Fl-ewwel lok jiġi osservat li anke mix-xiehda tal-imputat w d-dokumentazzjoni ppreżentata minnu, l-informazzjoni li l-kumpanija tiegħu bagħtet lil Jobsplus tikkontradixxi l-istess evidenza. Fil-fatt ma jista' qatt ikun li Sammut, kif jikkonferma l-imputat innifsu tħallas €1,331.24c fuq żewġ dati u ċioe fl-1

t'Ottubru u fit-12 t'Ottubru, 2020[1] li Sammut kien impjegat għall-jum wieħed biss kif juru r-*records* ta' Jobsplus. Daqstant ieħor kuntrarju għall-informazzjoni li l-istess sid tramite l-kumpanija tiegħu bagħat lil Jobsplus, dan ma kienx impjegat *part-time* iżda *full-time* kif jikkonferma bix-xiehda tiegħu.[2]

Il-verżjoni tal-imputat li l-impjegat Robert Sammut tħallas dak kollu dovut lilu hi kontradetta mit-tweġiba li l-imputat jagħti lill-imputat, korroborata bl-*screenshot* tal-istess tweġiba, fejn minflok ma jinfurmah li tħallas għal dak kollu li kellu jieħu, minflok jgħidlu li jħallsu *"meta jinalqu l affarijiet ta candm" [sic].*[3]

Ġie osservat li l-aħħar pagament sar fit-12 t'Ottubru 2020 magħdud mal-fatt li l-imputat naqas milli jġib provi sal-grad tal-probabbli li t-*time sheets* preżentati minn Sammut, apparti għall-jiem tat-28, 29 u 30 t'Ottubru 2020, kienu skorretti in kwantu għal kumplament. Fuq skorta tal-prinċipju *Nemo commodum habet ex injuria sua* ftit tista' tirnexxi dik il-linja difensjonali kemm il-darba din tittieħed waħedha.

Il-konfuzjoni dwar meta ħadem Sammut tkompli temana mid-dokumentazzjoni li ppreżenta hu stess. Filwaqt li hemm dokument li ġie jidher li ġie kompilat ai fini ta' tal-investigazzjoni mid-Dipartiment fejn fih jidher li hu reġa' rrapporta għax-xogħol fis-26 u fis-27 t' Ottubru, 2020[4], il-ħinijiet li jippreżenta hu stess[5] juru li ma ħadimx f'dawn il-ġranet iżda ħadem ġranet meta irriżulta li kien impjegat ma' Finest Human Capital Ltd.[6]

Kif ingħad fil-jiem tat-28, 29 u 30 t'Ottubru 2020 *records* ta' Jobsplus jikkontradixxu l-verżjoni ta' Sammut li lilu kienet dovuta paga ghal dawk il-jiem peress li rriżulta li kien beda impjieg ma' Finest Human Capital Ltd.

L-istess *time-sheets* jikkonfermaw in parte dak li Tristan Galea, ingaġġat mal-kumpanija tal-imputat biex jaħdem salarji, informa lid-Dipartiment bih u ċioe li Sammut ħareġ bis-*sick leave*. F'dan ir-rigward ġie osservat li l-imputazzjoni ma tagħmel l-ebda riferenza ghal xi benefiċċji tal-mard li l-imputat naqas li jħallas lil Sammut għalih.

[1] Fol.60-61
[2] Fol.58
[3] Fol.30
[4] Dok.B.3.1 a fol.47
[5] Fol.48
[6] Fol.71 et seq

Mill-banda l-oħra meta deher ċar li l-impjegat ma kienx ħadem l-aħħar ġranet li ġew indikati fit-*time sheets* li fuqhom id-dipartiment ħadem il-kalkoli tiegħu, il-prosekuzzjoni kellha tiżgura li l-imputazzjoni tiġi arġinata b'mod li tirrifletti din l-informazzjoni ġdida.

Daqstant iehor ma jidhirx li l-ammonti li tħallsu lill-impjegat ġew imnaqqsa minn dak dovut lilu skond il-kalkoli tal-istess dipartiment fl-Statement of Account ppreżentat[7] u x'kienet ir-raġuni għal din il-mankanza.

Iżda aktar skonċernanti għall-Qorti, li b'konsegwenza ġiet prekluza milli tagħmel komputazzjoni hi stess tal-bilanċ potenzjali li jista' hu intitolat għalih Sammut, hu li l-*payslips* ma ġewx preżentati u għalhekk ma jistax jiġi kkonstatat id-dati ta' xogħol li għalihom ġie mħallas u wisq anqas dak is-salarju f'hiex kien jikkonsisti u ċioe in kwantu għal *weekly alowances*, bonus etc.

In vista tas-suespost il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**

[7] Fol.51